# Ħames Messaġġi Ewlenin għall-Edukazzjoni Inklużiva

Inpoġġu t-Teorija fil-Prattika

Inclusive Education in Europe

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# ĦAMES MESSAĠĠI EWLENIN GĦALL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

**Inpoġġu t-Teorija fil-Prattika**

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva**

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija; magħrufa qabel bħala l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma, appoġġata mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija u l-Istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni u l-Parlament).

Din il-pubblikazzjoni ġiet iffinanzjata b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

L-ideat espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Aġenzija, tal-pajjiżi membri tagħha jew tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Editur: Victoria Soriano, Persunal tal-Aġenzija

Siltiet minn dan id-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Għandha ssir referenza għal dan ir-rapport skont kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2014. *Ħames Messaġġi Ewlenin għall-Edukazzjoni Inklużiva. Inpoġġu t-Teorija fil-Prattika*. Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

Sabiex ikun kemm jista' jkun aċċessibbli, dan ir-rapport huwa disponibbli fi 22 lingwa u f'formati elettroniċi li jistgħu jiġu mmanipulati bis-sħiħ, li huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-531-5 (Elettroniku) ISBN: 978-87-7110-509-4 (Stampat)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2014**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju fi Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

**WERREJ**


**PREAMBOLU ... 5**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV ... 6**

**KMIENI KEMM JISTA' JKUN ... 8**

Introduzzjoni ... 8

Intervent bikri ... 8

Skoperta u valutazzjoni bikrin ... 9

Appoġġ bikri ... 9

Ippjanar ta' tranżizzjoni ... 10

**L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA HIJA TA' BENEFIĊĊJU GĦAL KULĦADD ... 11**

Introduzzjoni ... 11

L-edukazzjoni inklużiva bħala approċċ biex ngħollu l-livell ta' kisba għall-istudenti kollha ... 12

"Dak li huwa tajjeb għal studenti b'SEN huwa tajjeb għall-istudenti kollha" ... 13

Monitoraġġ tal-progress ... 14

**PROFESSJONISTI BI KWALIFIKI GĦOLJA ... 16**

Introduzzjoni ... 16

Taħriġ inizjali u matul il-karriera ... 16

Il-profil ta' għalliema inklużivi u professjonisti oħra ... 17

Approċċi għar-reklutaġġ ... 17

Attitudnijiet pożittivi ... 18

Netwerking u koordinazzjoni ... 19

**SISTEMI TA' APPOĠĠ U MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT ... 21**

Introduzzjoni ... 21

Sistemi ta' appoġġ u mekkaniżmi ta' finanzjament ... 21

*Intervent fit-Tfulija Bikrija (Early Childhood Intervention – ECI) ... 22*

*L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fil-Klassi ... 23*

*L-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ (Vocational Education and Training – VET) 23*

*Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) ... 24*

**DEJTA AFFIDABBLI ... 27**

Introduzzjoni ........................................................................................ 27
Il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-istudenti ........................................................ 28
Monitoraġġ tal-effettività ta’ sistemi għall-edukazzjoni inklużiva ........................... 30
**ĦARSA ’L QUDDIEM........................................................................................ 34**
**BIBLIJOGRAFIJA............................................................................................ 35**

## PREAMBOLU

F’Novembru tal-2013, l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) organizzat Konferenza Internazzjonali li ffaċilitat dibattitu miftuħ dwar l-edukazzjoni inklużiva. Id-dibattitu kien jinvolvi lill-partijiet kollha interessati: dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, ir-riċerkaturi u l-prattikanti, kif ukoll persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom.

Meta wieħed jitkellem dwar l-edukazzjoni inklużiva dan ikun ifisser li jrid jitkellem dwar id-differenzi: jiġifieri, kif wieħed għandu jindirizza d-differenzi fl-iskejjel, fil-klassijiet u fil-kurrikulu inġenerali. Id-dibattitu attwali m’għadux dwar x’inhi l-inklużjoni u għalfejn hija meħtieġa; il-mistoqsija ewlenija hija kif nistgħu niksbuha. Kif jista’ jsir progress fuq livell nazzjonali, kif wieħed għandu jimplimenta l-miżuri politiċi adattati fil-livell reġjonali u lokali, kif l-għalliema jistgħu jlaħħqu bl-aħjar mod mad-differenzi fil-klassi; dawn kienu l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu waqt il-konferenza.

Dan id-dokument jippreżenta l-ħames messaġġi rilevanti ppreżentati mill-Aġenzija u diskussi fi gruppi waqt il-konferenza. Dawk li ħadu sehem kienu mistiedna jikkontribwixxu għal dawn il-ħames messaġġi ewlenin u jiddiskutuhom:

- *Kmieni kemm jista’ jkun*: l-impatt pożittiv ta’ skoperta u intervent bikrin kif ukoll ta’ miżuri proattivi.
- *L-edukazzjoni inklużiva hija ta’ benefiċċju għal kulħadd*: l-impatt pożittiv tal-edukazzjoni inklużiva mill-aspett edukattiv u soċjali.
- *Professjonisti bi kwalifiki għolja*: l-importanza li jkollok professjonisti inġenerali bi kwalifiki għolja, iżda b’mod partikolari l-għalliema.
- *Sistemi ta’ appoġġ u mekkaniżmi ta’ finanzjament*: il-ħtieġa ta’ sistemi ta’ appoġġ stabbiliti sew u mekkaniżmi ta’ finanzjament relatati.
- *Dejta affidabbli:* ir-rwol importanti li għandha d-dejta, kif ukoll il-benefiċċji u l-limitazzjonijiet tal-użu tagħha.

Dawn il-messaġġi ewlenin jiġbru fil-qosor parti essenzjali tal-ħidma li tmexxiet mill-Aġenzija fl-aħħar għaxar snin u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti f’dak li jirrigwarda l-edukazzjoni inklużiva.

L-Aġenzija tixtieq trodd ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem fil-konferenza għall-kontribut tagħhom u għall-impenn tagħhom lejn dan id-dibattitu importanti.

| | |
|---|---|
| Per Ch Gunnvall | Cor J. W. Meijer |
| President | Direttur |

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Konferenza Internazzjonali kienet pjattaforma utli biex wieħed jirrifletti u jiddiskuti l-edukazzjoni inklużiva minn perspettivi differenti u bl-involviment tal-partijiet interessati kollha.

Il-kwistjonijiet ewlenin tal-konferenza kienu jinkludu: kif wieħed għandu jlaħħaq mad-differenzi; kif wieħed għandu jagħti appoġġ lill-istudenti, lill-għalliema u lill-familji; kif wieħed jista' jibbenefika mid-differenzi fl-edukazzjoni; kif wieħed għandu jimplimenta l-miżuri xierqa; u kif wieħed l-aħjar jinvesti.

L-Aġenzija enfasizzat ħames messaġġi ewlenin li ġew diskussi fil-fond u li wasslu għal konsiderazzjoni u azzjonijiet ulterjuri.

Il-parteċipanti ssuġġerew għadd ta' kunsiderazzjonijiet u proposti għal azzjonijiet relatati mal-messaġġi ewlenin:

- *Kmieni kemm jista' jkun*: it-tfal kollha għandhom id-dritt li jingħataw l-appoġġ meħtieġ mill-aktar fis possibbli u kull meta jkun meħtieġ. Dan jimplika koordinazzjoni u kooperazzjoni fost is-servizzi, immexxija minn wieħed mis-servizzi kkonċernati. Il-partijiet interessati involuti jridu jibnu komunikazzjoni reali bejniethom, u jkunu kapaċi jifhmu u jagħtu informazzjoni lil xulxin. Il-ġenituri huma partijiet interessati ewlenin.
- *L-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju għal kulħadd*: l-edukazzjoni inklużiva għandha l-għan li tipprovdi edukazzjoni ta' kwalità lill-istudenti kollha. Sabiex tinkiseb skola inklużiva, huwa meħtieġ l-appoġġ tal-komunità kollha: minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sal-utenti finali (l-istudenti u l-familji tagħhom). Hija meħtieġa kollaborazzjoni f'kull livell u l-partijiet interessati kollha jeħtieġu viżjoni ta' eżiti fit-tul – it-tip ta' żgħażagħ li l-iskola u l-komunità sejrin 'jipproduċu'. Huma meħtieġa bidliet fit-terminoloġija, fl-attitudnijiet u fil-valuri li jirriflettu l-valur miżjud tad-diversità u tal-parteċipazzjoni ugwali.
- *Professjonisti bi kwalifiki għolja*: sabiex l-għalliema u edukaturi oħrajn ikunu lesti għall-inklużjoni, huma meħtieġa bidliet fl-aspetti kollha tat-taħriġ – il-programmi ta' taħriġ, il-prassi ta' kuljum, ir-reklutaġġ, il-finanzi, eċċ. Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' għalliema u professjonisti fl-edukazzjoni għandha tkun imħejjija bħala għalliema/ħarrieġa għall-istudenti kollha; jeħtieġ li jkunu mħarrġa mhux biss f'dak li jirrigwarda l-kompetenzi iżda wkoll fil-valuri etiċi.
- *Sistemi ta' appoġġ u mekkaniżmi ta' finanzjament*: l-aqwa indikaturi għall-iffinanzjar ma jinstabux fil-finanzi, iżda fil-kejl tal-effiċjenza u ta' dak li jinkiseb. Huwa essenzjali li wieħed jikkunsidra l-eżiti u jirrelathom mal-isforzi investiti biex jinkisbu. Dan jinvolvi l-monitoraġġ u l-kejl tal-effiċjenza tas-sistemi sabiex il-mezzi finanzjarji jiġu diretti lejn approċċi ta' suċċess. L-istrutturi tal-inċentivi

għandhom jassiguraw li jkun disponibbli aktar appoġġ finanzjarju jekk l-istudenti jitqiegħdu f'ambjent inklużiv, u li ssir aktar enfażi fuq l-eżiti (mhux biss dawk akkademiċi).

- *Dejta affidabbli*: il-ġbir ta' dejta siewja u ta' kwalità jeħtieġ approċċ sistematiku li jinkludi kwistjonijiet ta' studenti, ta' kollokament, ta' għalliema u ta' riżorsi. Id-dejta marbuta mal-kollokament tal-istudenti hija punt ta' tluq utli u meħtieġ, iżda teħtieġ li tkun issupplimentata b'dejta ċara dwar l-eżiti u l-effetti tas-sistemi. Huwa ferm aktar diffiċli li tinġabar dejta dwar l-eżiti tal-istudenti – l-impatt tal-edukazzjoni inklużiva – u din spiss hija nieqsa fil-ġabra ta' dejta tal-pajjiżi.

Finalment, ir-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej: l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva huma proċess li jirrigwarda lis-sistema edukattiva kollha u lill-istudenti kollha; l-ekwità u l-kwalità jimxu id f'id; l-edukazzjoni inklużiva għandha titqies bħala kunċett li qed jevolvi fejn il-kwistjonijiet relatati mad-diversità u d-demokrazija huma dejjem aktar importanti.

## KMIENI KEMM JISTA' JKUN

### Introduzzjoni

"Kmieni kemm jista' jkun" ifisser, l-ewwel nett, li jsir intervent fi stadju bikri tal-ħajja tat-tfal. Dan ikopri wkoll ħafna elementi oħrajn rilevanti bħal: li jsir intervent malli wieħed jinduna bil-bżonn; li tiġi stabbilita valutazzjoni bikrija; l-għoti tal-appoġġ meħtieġ kemm jista' jkun kmieni; u t-tħejjija u l-ippjanar ta' fażijiet ta' tranżizzjoni minn fażi edukattiva għal oħra u mbagħad għall-impjieg.

Għalkemm id-diversi proġetti tal-Aġenzija ma analizzawx it-tnaqqis fir-rati ta' tfal li jitilqu mill-iskola kmieni, it-tnaqqis ta' dawn ir-rati jinvolvi politiki u prattiki tajba dwar l-iskoperta bikrija, kif ukoll appoġġ bikri u effiċjenti.

### Intervent bikri

Waqt is-Seduta fil-Parlament Ewropew li l-Aġenzija organizzat fl-2011, xi żgħażagħ qajmu dawn il-punti: "L-inklużjoni tibda fil-kindergarten" (Aġenzija Ewropea, 2012a, p. 14); "Id-diversità hija pożittiva; huwa importanti li nħejju lin-nies mill-bidu, biex jaħdmu mat-tfal sabiex jibnu ġenerazzjoni aħjar" (ibid., p. 29).

Fil-kuntest tar-rapport tal-Aġenzija tal-2010, *Intervent fit-Tfulija Bikrija – Progress u Żviluppi 2005–2010*, l-intervent fit-tfulija bikrija (early childhood intervention – ECI) huwa definit bħala:

> *għadd ta' servizzi/provedimenti għal tfal żgħar ħafna u għall-familji tagħhom, mogħtija fuq talba tagħhom f'xi żmien partikolari tal-ħajja tat-tifel jew tat-tifla, li jkopru kwalunkwe azzjoni li tittieħed meta t-tifel jew it-tifla tkun teħtieġ appoġġ speċjali sabiex: Jiżguraw u jtejbu l-iżvilupp personali tiegħu/tagħha; Isaħħu l-kompetenzi proprji tal-familja, u Jippromwovu l-inklużjoni soċjali tal-familja u tat-tifel jew tat-tifla* (Aġenzija Ewropea, 2010, p. 7).

Fost l-elementi differenti identifikati bħala rilevanti għall-ECI, id-disponibbiltà hija fost dawk li għandha tkun enfasizzata:

> *għan komuni tal-ECI huwa li jintlaħqu t-tfal u l-familji kollha li jeħtieġu appoġġ kemm jista' jkun kmieni. Din hija prijorità ġenerali fil-pajjiżi kollha sabiex jiġu kkompensati d-differenzi reġjonali fir-rigward tad-disponibbiltà ta' riżorsi u sabiex ikun iggarantit li t-tfal u l-familji li japplikaw għall-appoġġ jistgħu jibbenefikaw mill-istess kwalità ta' servizzi* (ibid., pp. 7–8).

L-intervent bikri kien diskuss ukoll fil-kuntest tal-proġett *Diversità Multikulturali u Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali*:

> *Prijoritajiet ċari ġew ippreżentati mill-għalliema u mill-professjonisti minn ċentru ta' appoġġ. Dawn kienu jinkludu: prijorità għolja lill-intervent bikri; l-*

*importanza u l-ħtieġa tal-ħidma mal-ġenituri* [fost oħrajn] (Aġenzija Ewropea, 2009a, p. 55).

### Skoperta u valutazzjoni bikrin

Ir-Rapport tal-Aġenzija, *Valutazzjoni f'Ambjenti Inklużivi: Kwistjonijiet Ewlenin għall-Politika u għall-Prattika*, jipprovdi deskrizzjoni estensiva ta' dan l-aspett importanti. Dan jgħid li:

> *Il-valutazzjoni inizjali ta' studenti li huma maħsuba li għandhom SEN* [special educational needs – ħtiġijiet edukattivi speċjali] *jista' jkollha żewġ skopijiet possibbli:*
>
> - *L-identifikazzjoni marbuta ma' deċiżjoni uffiċjali li student ikun 'rikonoxxut' li għandu ħtiġijiet edukattivi li jeħtieġu riżorsi addizzjonali biex jgħinuh fit-tagħlim tiegħu;*
> - *Li tingħata informazzjoni għal programmi ta' tagħlim, fejn il-valutazzjoni tkun immirata sabiex tenfasizza l-kapaċitajiet u d-dgħufijiet li jista' jkollu student f'oqsma differenti tal-esperjenza edukattiva tiegħu. Informazzjoni bħal din spiss tintuża b'mod formattiv – forsi bħala l-punt ta' tluq għal Pjanijiet Edukattivi Individwali (Individual Education Plans – IEPs) jew approċċi oħrajn li jiffissaw il-miri – pjuttost milli bħala valutazzjoni bażika ta' darba* (Watkins, 2007, p. 22).

"Timijiet multidixxiplinari jwettqu l-valutazzjoni ta' identifikazzjoni inizjali mal-għalliema fil-klassijiet mainstream, mal-ġenituri u mal-istudenti bħala msieħba sħaħ fil-proċess ta' valutazzjoni" (ibid., p. 38).

L-importanza ta' valutazzjoni bikrija segwit minn miżuri ta' intervent bikri kienet enfasizzata fl-ambitu tar-rapport tal-Aġenzija *Diversità Multikulturali u Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali* (2009a), kif ukoll fis-sejbiet tar-rapport tal-Aġenzija *L-Immappjar tal-Implimentazzjoni ta' Politika għall-Edukazzjoni Inklużiva* (*MIPIE*) (2011a).

### Appoġġ bikri

Il-parti l-kbira tar-rapporti tal-Aġenzija jirreferu għall-importanza u l-benefiċċju ta' appoġġ bikri.

Il-proġett *L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fil-Klassi* isemmi li:

> *Il-kriterji li għandhom jintużaw meta wieħed joffri provediment speċjali part-time lill-istudenti huma li għandhom ikunu: (1) kmieni kemm jista' jkun; (2) flessibbli kemm jista' jkun (jekk ma jaħdimx metodu, agħżel ieħor); (3) 'ħfief' kemm jista' jkun (mingħajr effetti sekondarji ħżiena); (4) qrib kemm jista' jkun (u għalhekk preferibbilment fil-klassi mainstream u fl-iskola mainstream); u (5) qosra kemm jista' jkun* (Aġenzija Ewropea, 2003, p. 16).

Ir-rapport *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni Madwar l-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet* jiddikjara li:

> *l-investiment fl-edukazzjoni bikrija fit-tfulija u sistema edukattiva aktar inklużiva aktarx huma użu aktar effettiv ta' riżorsi milli inizjattivi għal żmien qasir imfassla sabiex "jimlew il-vojt" jew jappoġġjaw ċerti gruppi emarġinati* (Aġenzija Ewropea, 2011b, p. 77).

### Ippjanar ta' tranżizzjoni

Proġetti differenti tal-Aġenzija dwar it-tranżizzjoni ffokaw fuq il-ħtieġa għal pjan bikri għaċ-ċaqliqa minn stadju edukattiv għal ieħor, kif ukoll mill-edukazzjoni għall-impjieg (2002a, 2002b, 2006 u 2013).

Ir-rapport *Tranżizzjoni mill-Iskola għall-Impjieg. Prinċipji Ewlenin u Rakkomandazzjonijiet għal Dawk li Jfasslu l-Politika* jenfasizza li jeħtieġ li l-pajjiżi "jiżguraw l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni kmieni biżżejjed fil-karriera skolastika ta' student, mhux biss lejn l-aħħar tal-edukazzjoni obbligatorja" (Aġenzija Ewropea, 2002a, p. 5).

Fi ħdan il-qafas tal-ħidma tal-Aġenzija fuq dan is-suġġett *Pjanijiet ta' Tranżizzjoni Individwali*:

> *jidher li t-tranżizzjoni għall-impjieg hija parti minn proċess twil u kumpless, li jkopri l-fażijiet kollha fil-ħajja ta' persuna, li jeħtieġ li tiġi ġestita bl-aktar mod xieraq. "Ħajja tajba għal kulħadd", kif ukoll "impjieg tajjeb għal kulħadd" huma l-għanijiet aħħara ta' proċess ta' tranżizzjoni globali ta' suċċess. It-tipi ta' provediment jew l-organizzazzjoni ta' skejjel jew postijiet oħra ta' edukazzjoni m'għandhomx jinterferixxu ma' jew jimpedixxu l-kisba ta' tali proċess* (Aġenzija Ewropea, 2006, p. 8).

Bħala konklużjoni, l-għan ewlieni ta' intervent bikri huwa li jipprovdi attivitajiet sinifikanti u pożittivi li jippromwovu l-iżvilupp bikri tat-tfal, l-involviment tal-familja, il-kwalità tal-ħajja, l-inklużjoni soċjali u l-arrikkament tas-soċjetà. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li s-servizzi ta' sostenn huma essenzjali għal xi wħud, iżda wkoll ta' benefiċċju għal kulħadd. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jirċievu sostenn kull meta dan ikun meħtieġ. Dan jirrikjedi approċċ ikkoordinat bejn id-diversi setturi u kooperazzjoni effiċjenti fost il-partijiet kollha interessati.

## L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA HIJA TA' BENEFIĊĊJU GĦAL KULĦADD

### Introduzzjoni

Qed jiżdied ir-rikonoxximent madwar l-Ewropa, u b'mod aktar wiesa' fil-livell internazzjonali, li huwa imperattiva li nersqu lejn politika u prattika inklużivi fl-edukazzjoni. Il-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ* jiddikjaraw li: "Il-ħolqien tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-inklużjoni b'suċċess ta' tfal bi bżonnijiet speċjali f'ambjent mainstream jibbenefika lill-istudenti kollha" (Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2010, p. 5).

Il-Green Paper tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità tenfasizza li:

> *L-iskejjel għandu jkollhom rwol prinċipali fil-ħolqien ta' soċjetà inklużiva, billi jirrappreżentaw l-opportunità ewlenija għaż-żgħażagħ ta' komunitajiet migranti u dawk li jospitawhom biex isiru jafu u jirrispettaw lil xulxin … id-diversità lingwistika u kulturali tista' ġġib magħha riżorsa imprezzabbli għall-iskejjel* (Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, 2008, p. 1).

L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura (UNESCO) (2009) tindika b'mod ċar li l-edukazzjoni inklużiva hija kwistjoni ta' ekwità u għalhekk hija kwistjoni ta' kwalità li tħalli impatt fuq dawk kollha li jitgħallmu. Tliet propożizzjonijiet dwar l-edukazzjoni inklużiva huma enfasizzati: l-inklużjoni u l-kwalità huma reċiproċi; l-aċċess u l-kwalità huma marbuta u jsaħħu lil xulxin; u l-kwalità u l-ekwità huma ċentrali sabiex jassiguraw l-edukazzjoni inklużiva.

Għadd ta' proġetti tal-Aġenzija ffokaw ukoll fuq din il-kwistjoni. Ir-rapport dwar il-konferenza tal-Aġenzija *Ngħollu l-Livell ta' Kisba għall-Istudenti Kollha (Raising Achievement for All Learners – RA4AL)* (Aġenzija Ewropea, 2012c) jenfasizza li l-kwistjonijiet li jiċċirkondaw id-definizzjoni ta' inklużjoni saru dejjem aktar importanti, iżda li jidher li qed jikber il-ftehim dwar il-ħtieġa għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet sabiex jiġu żviluppati ekwità u ġustizzja soċjali akbar u sabiex jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' soċjetà mhux diskriminatorja. Id-dibattitu dwar l-inklużjoni, għalhekk, twessa' minn wieħed li jintuża biex jiffoka fuq ir-rilokazzjoni ta' tfal deskritti bħala li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali fi skejjel mainstream, għal wieħed li jfittex li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għolja – u l-benefiċċji konsegwenti – għall-istudenti kollha.

Hekk kif aktar pajjiżi jimxu lejn definizzjoni usa' ta' edukazzjoni inklużiva, id-diversità hija rikonoxxuta bħala "naturali" fi kwalunkwe grupp ta' dawk li jitgħallmu u l-edukazzjoni inklużiva tista' titqies bħala mezz biex jogħla l-livell ta' suċċess permezz tal-preżenza (aċċess għall-edukazzjoni), il-parteċipazzjoni (il-kwalità tal-esperjenza tat-tagħlim) u l-livell ta' suċċess (proċessi u eżiti tat-tagħlim) tal-istudenti **kollha**.

Il-ħidma tal-Aġenzija dwar *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva* (Aġenzija Ewropea, 2009b) issaħħaħ l-importanza ta' approċċi ta' tagħlim personalizzati/mibnija madwar min jitgħallem, valutazzjoni tal-għalliem li jappoġġa t-tagħlim, u l-ħidma kollaborattiva mal-ġenituri u l-familji – dawn huma, madankollu, essenzjali sabiex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni għall-istudenti kollha.

**L-edukazzjoni inklużiva bħala approċċ biex ngħollu l-livell ta' kisba għall-istudenti kollha**

Wilkinson u Pickett jinnotaw li "ugwaljanza akbar, kif ukoll it-titjib u l-benesseri tal-popolazzjoni kollha, hija wkoll il-muftieħ għal standards nazzjonali ta' suċċess" (2010, p. 29). Huma jenfasizzaw li jekk:

> *pajjiż irid livelli medji ogħla tal-livell ta' suċċess edukattiv fost it-tfal tal-iskola tiegħu, huwa għandu jindirizza l-inugwaljanza sottostanti li toħloq diżlivell soċjali aktar wieqaf fil-livell ta' suċċess edukattiv* (ibid., p. 30).

Hekk kif tikkontesta l-idea li l-inklużjoni tal-istudenti kollha tista' b'xi mod tkun ta' detriment għal livell ta' suċċess għoli, l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD, 2011) turi li t-titjib tal-istudenti bl-agħar prestazzjoni m'għandux ikun għad-detriment ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni. Is-sejbiet tar-rapport tal-UNESCO *Learning Divides* (Qasmiet fl-Edukazzjoni) (Willms, 2006) jipprovdu wkoll evidenza li l-prestazzjoni skolastika b'saħħitha u l-ekwità jistgħu jimxu id f'id u li l-pajjiżi bl-ogħla livelli ta' prestazzjoni għandhom tendenza li jkunu dawk li jkunu qed jgħollu b'suċċess il-livell ta' kisba tal-istudenti kollha (Aġenzija Ewropea, 2012d).

Skont ir-rapport *RA4AL* tal-Aġenzija,

> *Farrell et al. (2007) … sabu korp żgħir ta' riċerka li jissuġġerixxi li l-kollokament ta' studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) fl-iskejjel mainstream m'għandu l-ebda konsegwenzi negattivi kbar għal-livell ta' suċċess akkademiku, l-imġiba u l-attitudnijiet tat-tfal kollha. Reviżjoni sistematika tal-letteratura kkummissjonata mill-Evidence for Policy and Practice Initiative (EPPI) (Inizjattiva għal Evidenza għall-Politika u l-Prattika) (Kalambouka et al., 2005) sabet ukoll li, b'mod ġenerali, m'hemmx effetti negattivi fuq studenti mingħajr SEN meta l-istudenti bi bżonnijiet speċjali jkunu inklużi fi skejjel mainstream* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 8).

Diversi studji jiddeskrivu l-benefiċċji ta' inklużjoni għall-istudenti mingħajr diżabiltajiet. Dawn il-benefiċċji jinkludu:

> *apprezzament u aċċettazzjoni akbar tad-differenzi u d-diversità individwali, rispett għall-persuni kollha, preparazzjoni għall-ħajja adulta f'soċjetà inklużiva u opportunitajiet biex wieħed jitgħallem sew ċerti attivitajiet billi jipprattika u*

*jgħallem lil ħaddieħor. Dawn l-effetti huma ddokumentati wkoll fir-riċerka riċenti, pereżempju Bennett u Gallagher (2012)* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 8).

*L-impatt pożittiv ta' kollokamenti inklużivi fuq studenti b'diżabiltajiet huwa nnutat mir-riċerka bħal dik ta' MacArthur et al. (2005) u de Graaf et al. (2011). Dan jinkludi relazzjonijiet soċjali u netwerks imtejba, mudelli eżemplari pari, kisbiet akbar, aspettattivi ogħla, kollaborazzjoni akbar fost il-persunal tal-iskejjel u integrazzjoni mtejba tal-familji fil-komunità* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 8).

Aktar benefiċċji jistgħu jinkludu aċċess għal opportunitajiet kurrikulari usa' u r-rikonoxximent u l-akkreditazzjoni tal-livell ta' suċċess.

*Għandha tingħata konsiderazzjoni għat-titjib tal-organizzazzjoni ta' "spazji" għat-tagħlim u għall-għoti ta' aktar opportunitajiet għall-istudenti biex jiskopru talenti f'firxa ta' oqsma lil hinn mit-tagħlim akkademiku* (ibid., p. 25).

Riċerka minn Chapman et al. (2011) iffokat speċifikament fuq:

*tmexxija li tippromwovi livell ta' suċċess għal studenti b'SEN/diżabiltà u ssuġġeriet li l-preżenza ta' popolazzjoni diversa ta' studenti tista', taħt kundizzjonijiet organizzattivi tajbin, tistimula arranġamenti kollaborattivi u tħeġġeġ modi innovattivi ta' kif jiġu mgħallma gruppi li huma diffiċli biex jintlaħqu* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 21).

**"Dak li huwa tajjeb għal studenti b'SEN huwa tajjeb għall-istudenti kollha"**

Din l-istqarrija, li saret fil-pubblikazzjoni tal-Aġenzija *Edukazzjoni Inklużiva u Prattika fil-Klassi* (Aġenzija Ewropea, 2003, p. 33) kienet, minn dak iż-żmien, spiss imtennija fil-ħidma tal-Aġenzija.

Pereżempju, l-istess studju enfasizza li:

*il-peer tutoring jew it-tagħlim kooperattiv huwa effettiv fiż-żewġ oqsma konjittivi u affettivi (soċjo-emozzjonali) tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-istudenti. L-istudenti li jgħinu lil xulxin, speċjalment fi ħdan sistema ta' ggruppjar flessibbli u meqjus sew tal-istudenti, jibbenefikaw mit-tagħlim flimkien* (ibid., p. 23).

Fil-ħidma tal-Aġenzija dwar il-prattika inklużiva fl-iskejjel sekondarji fl-2005, ġie enfasizzat li:

*L-istudenti kollha – inklużi studenti b'SEN – juru titjib fit-tagħlim tagħhom b'monitoraġġ sistematiku, assessjar, ippjanar u evalwazzjoni tal-ħidma tagħhom* (Aġenzija Ewropea, 2005, p. 8)

u li:

*L-istudenti kollha jibbenefikaw minn tagħlim kooperattiv: l-istudent li jispjega lill-istudenti l-oħrajn jibqa' jiftakar l-informazzjoni aħjar u għal żmien itwal u l-ħtiġijiet tal-istudent li qed jitgħallem huma indirizzati aħjar permezz ta' koetanju/a li l-livell ta' fehim tiegħu/tagħha huwa biss ftit ogħla mil-livell tiegħu* (ibid., pp. 18–19).

Ir-rapport *RA4AL* jiddikjara li:

*sistema li tippermetti lill-istudenti li jagħmlu progress lejn miri komuni, iżda permezz ta' rotot differenti, li tuża stili differenti ta' tagħlim u assessjar, għandha tkun aktar inklużiva u tgħolli l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 25).

Ix-xogħol tal-Aġenzija dwar *Assessjar f'Ambjenti Inklużivi* jinnota wkoll il-ħtieġa li jkunu involuti l-istudenti kollha u l-ġenituri/familji kemm fit-tagħlim u kif ukoll fil-proċess tal-assessjar (Watkins, 2007).

L-istess rapport jindika li l-proċess ta' differenzazzjoni jeħtieġ konsiderazzjoni bir-reqqa. Għalkemm dan jista' wkoll jiġi assoċjat mal-individwalizzazzjoni u l-personalizzazzjoni u jiġi meqjus bħala mezz biex jintlaħqu l-ħtiġijiet aktar speċifiċi tal-individwu jew tal-grupp, ta' spiss jibqa' msejjes fuq l-għalliem pjuttost milli fuq l-istudent. Il-personalizzazzjoni trid tibda mal-ħtiġijiet u l-interessi tal-istudenti kollha.

Fil-proġett aktar riċenti tal-Aġenzija *i-access*, huwa nnotat li l-benefiċċji tat-teknoloġija assistiva jew "teknoloġija faċilitanti" spiss jirriżultaw utli għal varjetà kbira ta' utenti. "L-Aċċessibiltà tibbenefika lil utenti b'diżabiltajiet u/jew ħtiġijiet edukattivi speċjali u spiss tista' tibbenefika lill-utenti kollha" (Aġenzija Ewropea, 2012e, p. 22).

Il-fehmiet taż-żgħażagħ bi u mingħajr diżabiltajiet espressi fil-pubblikazzjoni *Fehmiet Żgħażagħ dwar l-Edukazzjoni Inklużiva* jipprovdu sommarju ċar tal-benefiċċji tal-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha. Kif qal student wieħed żagħżugħ: "L-edukazzjoni inklużiva hija għat-tfal kollha. L-iskejjel normali għandhom ikunu qrib djarhom. Din l-esperjenza tippromwovi li wieħed jiltaqa' ma' nies mill-viċinanzi" (Aġenzija Ewropea, 2012a, p. 11). Oħrajn żiedu: "Studenti li jkollhom jew ma jkollhomx ħtiġijiet speċjali jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jaqsmu l-għarfien tagħhom", "Huwa tajjeb għalina – tajjeb għalihom. Huwa importanti biex nagħrfu l-benefiċċji għal kulħadd fil-klassi" u "L-edukazzjoni inklużiva tgħin lit-tfal mainstream biex isiru aktar tolleranti, b'imħuħ miftuħa" (ibid., p. 22).

## Monitoraġġ tal-progress

Peress li l-edukazzjoni inklużiva twessgħet biex tikkunsidra edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha, huwa meħtieġ li jinstabu modi ġodda biex jiġi mmonitorjat il-progress. Fil-ħidma tal-Aġenzija dwar l-indikaturi u fir-rapport tal-*MIPIE* (2011a) ġie

suġġerit li fil-livell tal-iskola, il-ġbir tad-dejta jista' jikkunsidra l-fatturi li jħallu impatt fuq il-kwalità tal-istrateġiji tad-dħul fl-iskejjel, bħal: regoli u politiki tad-dħul mhux diskriminatorji; politiki u strateġiji żviluppati biex jappoġġjaw lill-istudenti biex juru l-ħtiġijiet tagħhom; l-eżistenza ta' dikjarazzjoni ta' politika ċara kontra l-bullying; l-implimentazzjoni ta' kodiċi ta' prattika eżistenti dwar l-edukazzjoni inklużiva; sessjonijiet ta' taħriġ għall-persunal dwar il-kwistjonijiet tad-dħul u dwar il-ħolqien ta' klima ta' skola li tilqgħak; ħidma b'rispett u b'kollaborazzjoni mal-istudenti u l-familji; strateġiji biex jgħinu lill-istudenti u l-familji jipparteċipaw b'mod attiv fil-komunità tal-iskola u fil-klassi; u d-disponibbiltà tal-informazzjoni, konsulenza u strateġiji ta' pariri u l-impatt tagħhom fuq l-istudenti.

Bħala konklużjoni, id-dibattitu dwar inklużjoni usa' issa jfittex li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għolja u benefiċċji għall-istudenti kollha. Il-prestazzjoni tajba fl-iskola u l-ekwità jistgħu jmorru id f'id.

Is-sistema edukattiva hija kumplessa u frammentata u, fil-preżent, hemm nuqqas ta' ħsieb koerenti dwar l-edukazzjoni inklużiva. B'mod ġenerali, ftit hemm appoġġ għall-prinċipali u għall-mexxejja li jistgħu jkunu qegħdin jippruvaw joħolqu bidla f'sitwazzjonijiet iżolati. Id-diversità qiegħda tiżdied fis-sistema, iżda t-tradizzjonijiet tal-passat jirrestrinġu l-azzjoni. Il-kapaċità tal-iskejjel għandha tiġi żviluppata permezz ta' għarfien tal-kuntest, korrispondenza (bejn il-leġislazzjoni u l-politika/prattika), ċarezza kunċettwali u appoġġ kontinwu għall-partijiet interessati kollha, li jinkoraġġixxi lill-iskejjel biex ikunu proattivi, iktar milli reattivi. Jekk wieħed isir jaf lill-istudenti kollha u jekk isir intervent bikri, ikun jista' jiġi żviluppat appoġġ ta' kwalità għall-istudenti kollha li jitqies bħala parti regolari tal-edukazzjoni.

## PROFESSJONISTI BI KWALIFIKI GĦOLJA

### Introduzzjoni

"Professjonisti bi kwalifiki għolja" tikkonċerna kwistjonijiet ta' taħriġ inizjali u matul il-karriera, il-profil, il-valuri u l-kompetenza tal-għalliema, approċċi effettivi għar-reklutaġġ, u attitudnijiet, kif ukoll in-netwerking u l-koordinament tal-professjonisti kollha.

Żgħażagħ li attendew is-seduta tal-Parlament Ewropew, organizzata mill-Aġenzija fl-2011, irrimarkaw:

> *Il-punt ta' tluq għall-edukazzjoni inklużiva huwa l-għarfien u l-edukazzjoni tal-għalliema… L-għalliema għandhom ikunu konxji mill-bżonnijiet ta' kulħadd u jagħtu opportunitajiet biex il-miri jintlaħqu b'suċċess. Aħna lkoll għandna t-talenti tagħna – flimkien nagħmlu komunità tax-xogħol aħjar* (Aġenzija Ewropea, 2012a, p. 12).

### Taħriġ inizjali u matul il-karriera

It-taħriġ xieraq inizjali u matul il-karriera għall-għalliema u professjonisti oħra jitqies bħala fattur ewlieni għal prattiċi inklużivi ta' suċċess. Ir-rapport tal-Aġenzija *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva: Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika* jenfasizza li:

> *L-għalliema kollha jridu jiżviluppaw il-ħiliet biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi tal-istudenti kollha. Fl-edukazzjoni inizjali u kontinwa tagħhom, l-għalliema għandhom ikunu mgħammra bil-ħiliet, it-tagħrif u l-fehim li jagħtuhom kunfidenza biex jindirizzaw b'mod effettiv medda ta' ħtiġijiet tal-istudenti* (Aġenzija Ewropea, 2011c, p. 15).

Ir-rapport tal-Aġenzija L-*Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni Madwar l-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet* jirreferi għall-istruttura tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Dan jgħid li:

> *Waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-edukazzjoni tal-għalliema… tinkludi l-ħtieġa li tiġi rreveduta l-istruttura biex tittejjeb l-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni u biex jingħaqdu l-edukazzjoni tal-għalliema tradizzjonali u tal-edukazzjoni speċjali. Ir-rwol li jinbidel tal-għalliema huwa dejjem iktar rikonoxxut, li jenfasizza l-ħtieġa għal bidliet sinifikanti fil-mod kif l-għalliema jkunu mħejjija għar-rwoli u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom* (Aġenzija Ewropea, 2011b, p. 18).

Barra minn hekk, jindika li:

*L-edukaturi tal-għalliema huma atturi ewlenin fl-iżgurar ta' forza ta' tagħlim ta' kwalità għolja; madankollu, ħafna pajjiżi Ewropej m'għandhom l-ebda politika esplicita dwar il-kompetenzi li għandu jkollhom jew dwar kif għandhom jintgħażlu jew jitħarrġu* (ibid., p. 63).

**Il-profil ta' għalliema inklużivi u professjonisti oħra**

Fil-qafas tal-proġett tal-Aġenzija *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni, Profil ta' Għalliema Inklużivi* (Aġenzija Ewropea, 2012b) ġie żviluppat bħala gwida għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' edukazzjoni inizjali (ITE) għall-għalliema kollha. Dan jidentifika qafas ta' valuri u oqsma fundamentali ta' kompetenza li huma applikabbli għal kull programm tal-ITE għat-tħejjija tal-għalliema kollha biex jaħdmu fl-Edukazzjoni Inklużiva u jikkunsidraw il-forom kollha ta' diversità.

Il-qafas tal-valuri u l-oqsma fondamentali ta' kompetenza jinkludi:

> ***Apprezzament tad-Diversità tal-Istudenti*** *– id-differenzi bejn l-istudenti titqies bħala riżors u assi għall-edukazzjoni. L-oqsma ta' kompetenza fi ħdan dan il-valur fundamentali huma relatati ma': Kunċetti ta' edukazzjoni inklużiva; Il-fehma tal-għalliem dwar id-differenzi bejn l-istudenti.*
>
> ***Appoġġ għall-Istudenti Kollha*** *– l-għalliema għandhom aspettattivi għoljin għall-kisbiet ta' kull student. L-oqsma ta' kompetenza fi ħdan dan il-valur fundamentali huma relatati ma': Promozzjoni tat-tagħlim akkademiku, prattiku, soċjali u emottiv tal-istudenti kollha; Approċċi ta' tagħlim effettiv fil-klassijiet eteroġenji.*
>
> ***Ħidma ma' ħaddieħor*** *– kollaborazzjoni u ħidma f'tim huma approċċi essenzjali għall-għalliema kollha. L-oqsma ta' kompetenza fi ħdan dan il-valur fundamentali huma relatati ma': Ħidma mal-ġenituri u l-familji; Ħidma ma' firxa ta' professjonisti oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni.*
>
> ***Żvilupp Professjonali Personali*** *– meta wieħed jgħallem ikun qiegħed jitgħallem ukoll fl-istess ħin, u l-għalliema jassumu responsabbiltà għat-tagħlim tagħhom tul il-ħajja. L-oqsma ta' kompetenza fi ħdan dan il-valur fundamentali huma relatati ma': L-għalliema bħala prattikanti li jirriflettu; l-Edukazzjoni inizjali tal-għalliema bħala bażi għal tagħlim u żvilupp professjonali kontinwi* (ibid., p. 7).

**Approċċi għar-reklutaġġ**

Approċċi effettivi għar-reklutaġġ u rati ta' żamma ogħla ta' għalliema u professjonisti oħra huma indikati bħala fatturi ewlenin f'għadd ta ' proġetti tal-Aġenzija. Ir-rapport tal-Aġenzija *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni Madwar l-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet* jenfasizza li:

*Għandhom jiġu esplorati approċċi effettivi biex itejbu r-reklutaġġ ta' kandidati għalliema u jiżdiedu r-rati ta' żamma, flimkien ma' modi sabiex jiżdied in-numru ta' għalliema minn sfondi differenti, inklużi dawk b'diżabilitajiet* (Aġenzija Ewropea, 2011b, p. 71).

Ir-rapport tal-proġett jindika li:

*Minoranza ta' pajjiżi għandhom testijiet li jirregolaw id-dħul għall-professjoni tal-għalliema, iżda riċerka riċenti minn Menter et al. (2010) tenfasizza dwar evidenza li turi li hemm ħafna dimensjonijiet ta' tagħlim effettiv li mhumiex previsti b'mod affidabbli minn testijiet ta' abiltà akkademika. Din il-konklużjoni hija ċertament appoġġjata mir-reviżjoni tal-letteratura tal-proġett u minn rapporti tal-pajjiżi, peress li t-tnejn jenfasizzaw l-importanza tal-attitudnijiet, il-valuri u t-twemmin, flimkien ma' tagħrif u ħiliet fl-iżvilupp ta' prattika inklużiva. Dawn, flimkien ma ' dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-kompetenzi meħtieġa, huma diffiċli li jiġu aċċertati, anke permezz ta' intervista, u hija meħtieġa iktar riċerka dwar il-metodi tal-għażla ta ' kandidati għal għalliema* (Aġenzija Ewropea, 2011b, pp. 19–20).

**Attitudnijiet pożittivi**

L-attitudnijiet pożittivi tal-għalliema u professjonisti oħra huma enfasizzati bħala element ewlieni għall-edukazzjoni inklużiva fil-maġġoranza tal-proġetti tal-Aġenzija. Ir-Rapport tal-Aġenzija *L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fil-Klassi* jinnota li:

*Naturalment, l-inklużjoni tiddependi ħafna fuq l-attitudnijiet tal-għalliema lejn studenti bi ħtiġijiet speċjali, fuq l-opinjoni tagħhom dwar id-differenzi fil-klassijiet u r-rieda tagħhom biex jittrattaw b'mod effettiv dawk id-differenzi. Ġeneralment, l-attitudni tal-għalliema tkun ġiet imressqa bħala fattur deċisiv sabiex l-iskejjel isiru iktar inklużivi* (Aġenzija Ewropea, 2003, p. 12).

B'mod simili, ir-rapport tal-Aġenzija *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika* jenfasizza l-importanza tal-attitudnijiet pożittivi. Dan jgħid li:

*L-għalliema kollha għandu jkollhom attitudnijiet pożittivi lejn l-istudenti kollha u r-rieda li jaħdmu b'kollaborazzjoni mal-kollegi tagħhom. L-għalliema kollha għandhom jaraw id-diversità bħala saħħa u stimulu għat-tagħlim ulterjuri tagħhom* (Aġenzija Ewropea, 2011c, p. 14).

Il-pubblikazzjoni tal-Aġenzija, *Valutazzjoni f'Ambjenti Inklużivi: Kwistjonijiet Ewlenin għall-Politika u l-Prattika* tindika li:

*L-attitudnijiet li għandu għalliem ta' klassi mainstream fir-rigward tal-inklużjoni, il-valutazzjoni u għalhekk il-valutazzjoni inklużiva huma kruċjali. L-attitudnijiet pożittivi jistgħu jiġu mrawma bil-provvediment ta' taħriġ xieraq,*

*appoġġ, riżorsi u esperjenzi prattiċi ta' inklużjoni b'suċċess. L-għalliema jeħtieġu aċċess għal dawn l-esperjenzi biex jgħinuhom jiżviluppaw l-attitudnijiet pożittivi meħtieġa* (Watkins, 2007, p. 51).

**Netwerking u koordinazzjoni**

Ir-rapporti kollha tal-Aġenzija jirreferu għall-irwol effettiv ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni ta' professjonisti u netwerking ma' servizzi komunitarji interdixxiplinarji. Eżempju li ta' min wieħed isemmi huwa r-rapport tal-Aġenzija *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni: Profil ta' Għalliema Inklużivi* (*Teacher Education for Inclusion – TE4I*), li jenfasizza li:

> *L-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva għandha titqies bħala kompitu kollettiv, b'partijiet interessati differenti, li kull waħda minnhom għandha rwoli u responsabbiltajiet xi twettaq. L-appoġġ li l-għalliema tal-klassijiet jeħtieġu biex jissodisfaw l-irwoli tagħhom jinkludi aċċess għal strutturi li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u tim li jaħdem b'firxa ta' professjonisti differenti (inklużi dawk li jaħdmu fl-HEIs* [higher education institution – istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla]), *kif ukoll opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu* (Aġenzija Ewropea, 2012b, p. 23).

Fil-pubblikazzjoni tal-Aġenzija *L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika ta' Klassi fl-Edukazzjoni Sekondarja*, il-kwistjonijiet ta' tagħlim kooperattiv u s-soluzzjoni tal-problemi b'mod kollaborattiv huma enfasizzati bħala fatturi ewlenin għal prattika inklużiva effiċjenti. Il-proġett jgħid illi: "L-għalliema jeħtieġu appoġġ mingħand, u għandhom ikunu kapaċi jikkoperaw, ma' firxa ta' kollegi fl-iskola kif ukoll ma' professjonisti minn barra l-iskola" (Aġenzija Ewropea, 2005, p. 6).

Bħala konklużjoni:

L-edukazzjoni inklużiva tinvolvi bidla sistematika li teħtieġ trasformazzjoni fil-mod kif l-għalliema u professjonisti oħra fil-qasam tal-edukazzjoni jiġu edukati, mhux biss f'termini ta ' kompetenzi, iżda wkoll ta' valuri etiċi.

L-aspetti ewlenin relatati ma' professjonisti bi kwalifiki għolja jistgħu jiġu sintesizzati minn numru ta' indikaturi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni għall-edukazzjoni inklużiva żviluppati u ppreżentati fil-proġett tal-Aġenzija, *L-Iżvilupp ta' sett ta ' indikaturi – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa*:

> *It-taħriġ inizjali tal-għalliema u l-programmi ta' taħriġ tal-għalliema matul il-karriera jinkludu edukazzjoni speċjali jew kwistjonijiet relatati mal-inklużjoni.*
>
> *L-għalliema u persunal ieħor huma appoġġjati biex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tagħhom dwar l-inklużjoni sabiex huma jkunu lesti li jaqdu l-bżonnijiet tat-tfal tal-iskola/l-istudenti kollha fit-tagħlim mainstream.*

*Huma disponibbli korsijiet u opportunitajiet ta' żvilupp professjonali biex itejbu l-ħiliet pedagoġiċi tal-għalliema.*

*L-għalliema jippjanaw, jgħallmu u jirrevedu bi sħab.*

*Riżorsi apposta huma mwarrba għal żvilupp professjonali xieraq sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċjali fl-edukazzjoni inklużiva* (Kyriazopoulou u Weber, 2009, p. 28).

## SISTEMI TA' APPOĠĠ U MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

### Introduzzjoni

F'Novembru 2011, l-Aġenzija Ewropea ospitat Seduta fil-Parlament Ewropew fi Brussell. Tmienja u tmenin żagħżugħ u żagħżugħa, kemm dawk li għandhom kif ukoll dawk li ma għandhomx ħtiġijiet edukattivi speċjali, mill-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali, ipparteċipaw biex jiddiskutu xi tfisser għalihom l-edukazzjoni inklużiva. Uħud mill-eżiti jorbtu direttament ma' kwistjonijiet ta' provvista u finanzjament: 'L-edukazzjoni inklużiva teħtieġ riżorsi addizzjonali bħall-ħin u l-flus iżda kull student għandu jingħata l-edukazzjoni li jixtieq' (Aġenzija Ewropea, 2012a, p. 13).

> *L-aċċess fiżiku għall-bini huwa importanti (lifts, bibien awtomatiċi, switches aċċessibbli, eċċ.) … Fil-każ tat-testijiet, hemm bżonn li jkun hemm ħin żejjed. … Sistemi ta' appoġġ interni huma meħtieġa biex jgħinu lill-istudenti b'diżabilitajiet* (ibid., p. 27).

> *Appoġġ minn persuni barra mill-istaff tal-iskola li jistgħu jaġixxu bħala medjaturi għall-istudenti bi ħtiġijiet speċjali huwa tajjeb. Kien hemm għalliema li ma ridux jikkoperaw biex jagħmlu l-edukazzjoni inklużiva taħdem għalija u għal ħaddieħor; l-għalliema għandhom jaċċettaw lil kulħadd fil-klassijiet tagħhom* (ibid., p. 20).

> *It-tnaqqis fl-infiq min-naħa tal-Gvern diġà qed ikollu impatt fuq xi appoġġ – nies bħal medjaturi qegħdin jitilfu xogħolhom. Il-flus qegħdin imorru għand l-iskejjel, imma s-sistema mhux qed taħdem għaliex l-għalliema "normali" ikollhom jagħtu l-appoġġ meħtieġ u m'għandhom l-ebda idea* (ibid., p. 27).

> *Spiss jingħad li l-edukazzjoni inklużiva hija għalja, iżda biex nipprovaw niffrankaw, nispiċċaw biex inħallsu iktar biex nittrattaw il-problemi xorta waħda. … Anke jekk pajjiż ma jkollux ħafna riżorsi, jeħtieġ li l-edukazzjoni inklużiva ssir bl-aħjar mod. L-edukazzjoni inklużiva hija investiment, u għandna ninvestu fil-persuni; il-persuni huma l-unika riżorsa* (ibid., p. 24).

### Sistemi ta' appoġġ u mekkaniżmi ta' finanzjament

Is-sistemi ta' appoġġ u l-mekkaniżmi ta' finanzjament jolqtu l-livelli kollha tat-tagħlim u għalhekk imissu ma' diversi kwistjonijiet. Barra minn hekk, jekk il-kwistjoni tiġi llimitata biss għall-qasam edukattiv, dan ma jkunx biżżejjed:

> *It-tfal u ż-żgħażagħ ma jkollhomx suċċess fit-tagħlim tagħhom jekk is-saħħa bażika, il-ħtiġijiet soċjali u emozzjonali tagħhom ma jintlaħqux. Dan jista' jeħtieġ appoġġ għall-familji u l-komunitajiet u jkunu meħtieġa servizzi bħalma huma s-saħħa u s-servizzi soċjali sabiex jikkollaboraw flimkien u jassiguraw approċċ olistiku* (Aġenzija Ewropea, 2011c, pp. 17–18).

Hemm kuxjenza wiesgħa li t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza huwa kritiku għall-iżvilupp fuq terminu twil ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Dan kien rikonoxxut fil-ħidma tal-Aġenzija sa mill-1999 fir-rapport *Il-Finanzjament tal-Edukazzjoni għall-Persuni bi Ħtiġijiet Speċjali*, li sostna li:

> *il-proċeduri ta' evalwazzjoni u monitoraġġ fil-pajjiżi jistgħu jitjiebu wkoll fil-qafas tal-edukazzjoni speċjali. L-ewwel nett, huwa importanti li jiggarantixxu u jistimulaw l-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi pubbliċi. It-tieni nett, jidher li huma meħtieġ li jintwera lill-klijenti tas-sistemi edukattivi (studenti bi ħtiġijiet speċjali u l-ġenituri tagħhom) li l-edukazzjoni fl-ambjent mainstream (li jinkludi l-faċilitajiet u l-appoġġ kollu addizzjonali) hija ta' kwalità għolja biżżejjed* (Aġenzija Ewropea, 1999, p. 158).

Kemm il-finanzjament kif ukoll il-provvista kienu indirizzati f'diversi proġetti oħrajn tal-Aġenzija. Għalhekk, l-istqarrijiet u r-riżultati li ġejjin jixħtu dawl fuq dawn iż-żewġ kwistjonijiet minn perspettivi differenti mqajma minn proġetti differenti mmexxija mill-Aġenzija.

***Intervent fit-Tfulija Bikrija (Early Childhood Intervention – ECI)***

"It-tendenza komuni fl-Ewropa hi li s-servizzi tal-ECI huma lokalizzati u mogħtija kemm jista' jkun qrib it-tifel/tifla u l-familja" (Aġenzija Ewropea, 2010, p. 17), eż. fil-muniċipalità.

> *Il-forniment u s-servizzi tal-ECI għandhom jilħqu lill-familji kollha u lit-tfal li jeħtieġu appoġġ minkejja l-ambjenti soċjoekonomiċi differenti tagħhom… Dan jimplika li l-fondi pubbliċi jkopru l-ispejjeż kollha relatati mas-servizzi tal-ECI li huma pprovduti permezz tas-servizzi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt eċċ. B'dan il-mod jintlaħqu l-istandards nazzjonali ta' kwalità li jkunu meħtieġa* (ibid., pp. 21–22).

> *Il-fondi pubbliċi għas-servizzi u l-forniment tal-ECI bħala regola jiġu mill-gvern ċentrali u/jew il-fondi federali/reġjonali u/jew il-fondi lokali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-finanzjament tal-ECI ikun taħlita tat-tliet livelli ta' amministrazzjoni msemmija hawn fuq, skemi ta' assigurazzjoni tas-saħħa u ġbir ta' fondi minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt* (ibid., p. 22).

Rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-koordinazzjoni tas-servizzi u l-provvista tal-ECI jinkludu, fost oħrajn, li:

> *L-ECI spiss tkun qasam ta' ħidma bejn l-aġenziji, imma f'kull każ qasam ta' ħidma interdixxiplinarja. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jagħrfu dan billi jassiguraw li l-politika u l-gwida jkunu żviluppati flimkien mid-dipartimenti tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali u li kull gwida ppubblikata għas-servizzi reġjonali u lokali tkun tinkludi l-logos ta' aktar minn dipartiment wieħed. Huwa*

*b'dan il-mod biss li l-ħidma integrata tinżel 'l isfel fil-livelli reġjonali u lokali* (ibid., p. 42).

***L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fil-Klassi***

*L-eżistenza ta' mudelli differenti kif nindirizzaw id-differenzi fil-klassi tiddependi mhux biss fuq fatturi ta' għalliema iżda wkoll fuq il-mod kif l-iskejjel jorganizzaw l-għoti ta' servizzi edukattivi u fuq fatturi esterni oħrajn.*

Din l-istqarrija kienet inkluża fir-rapport tal-Aġenzija *Edukazzjoni Inklużiva u Prattika fil-Klassi* (Aġenzija Ewropea, 2003, p. 8).

*Huwa ċar li biex nieħdu ħsieb l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) mhijiex biss kwistjoni tar-riżorsi meħtieġa fil-livell ta' klassi. Għandu jkun rikonoxxut li l-istruttura organizzattiva fuq livell ta' skola wkoll tiddetermina l-ammont u t-tip ta' riżorsi li l-għalliema jistgħu jużaw biex jgħallmu lil studenti bi ħtiġijiet speċjali* (ibid., p. 14).

*L-użu tar-riżorsi fl-iskejjel għandu jkun organizzat b'mod flessibbli… l-iskejjel għandu jkollhom ħafna gradi ta' libertà fl-użu tar-riżorsi finanzjarji skont ix-xewqat u l-fehmiet tagħhom. Il-burokrazija għandha tkun evitata kemm jista' jkun u l-istudenti mingħajr jew bi ftit ħtiġijiet speċjali għandhom ikunu jistgħu japprofittaw minn riżorsi fil-klassijiet jew fl-iskejjel meta dan ikun meħtieġ jew mixtieq mill-għalliem* (ibid., p. 16).

"L-arranġamenti ta' finanzjament u l-inċentivi li huma inklużi f'dawn l-arranġamenti għandhom rwol deċiżiv" (ibid., p. 17).

*L-hekk imsejjaħ throughput-model fuq livell reġjonali (muniċipalità) jidher li huwa l-iktar għażla ta' finanzjament li rnexxiet. F'dan il-mudell, il-baġits għall-ħtiġijiet speċjali huma ddelegati minn livell ċentrali lill-istituzzjonijiet reġjonali (muniċipalitajiet, distretti, clusters ta' skejjel). Fuq livell reġjonali, jittieħdu deċiżjonijiet dwar kif jintefqu l-flus u liema studenti għandhom jibbenefikaw minn servizzi speċjali … Għalhekk mudell deċentralizzat aktarx li jkun iktar kosteffettiv u jipprovdi inqas opportunitajiet għal forom mhux mixtieqa ta' imġiba strateġika. Madankollu, huwa ovvju li l-gvern ċentrali kkonċernat għandu jispeċifika b'mod ċar liema għanijiet għandhom jinkisbu* (ibid., p. 18).

***L-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ (Vocational Education and Training – VET)***

L-implimentazzjoni ta' programmi VET issegwi ppjanar fuq terminu twil fis-settur edukattiv u kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali.

*Hemm fokus fuq l-istabbiliment ta' rabtiet aktar mill-qrib … biex ikunu żviluppati l-kurrikula tal-programmi vokazzjonali u biex l-approċċi u l-kontenut edukattiv jitqabblu mal-ħiliet meħtieġa fid-dinja tax-xogħol… l-organizzazzjoni u*

*t-twettiq ta' valutazzjonijiet ta' kompetenzi, kollaborazzjoni biex ikun stabbilit il-kontenut ta' kwalifiki, standards u kurrikula ġodda, u t-tqabbil ta' programmi VET mal-ħtiġijiet tal-ekonomija* (Aġenzija Ewropea, 2014, p. 23).

*Fuq livell individwali, studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali jirċievu għajnuna edukattiva speċjali (eż. teknoloġija assistiva, interpreti tal-lingwa tas-sinjali, materjal tat-tagħlim ippreparat b'mod speċjali, skribi jew forom oħra ta' assistenza prattika) li jagħmlu l-kurrikula VET aċċessibbli* (ibid., p. 15).

Il-livelli reġjonali (i.e. kontea, kommuni, muniċipalitajiet, provinċji federali) huma essenzjali biex jassiguraw li l-għanijiet edukattivi jkunu relatati bl-aħjar mod mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-bordijiet konsultattivi reġjonali għandhom rwol attiv biex jaġġornaw l-istruttura tal-programmi edukattivi fir-responsabilità reġjonali tagħhom u b'koperazzjoni mal-imsieħba soċjali. Huma għandhom rwol importanti biex joffru flessibilità fil-vjaġġ edukattiv tal-istudenti.

L-istituzzjonijiet VET huma mmexxija minn aġenziji differenti fil-pajjiżi Ewropej, bħal awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-settur privat, eċċ. Fil-pajjiżi Ewropej analizzati, ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-iffinanzjar jinsabu f'idejn entitajiet statali jew governattivi f'livelli reġjonali jew muniċipali. Barra minn hekk, fil-maġġoranza tal-pajjiżi, il-kriterji tal-finanzjament huma differenti skont it-tip ta' proprjetarju (pubbliku/privat) fil-pajjiż. Miżuri oħrajn għall-promozzjoni ta' impjieg fost studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) huma l-ħlas tal-ispiża ta' servizz ta' impjieg appoġġjat, eżenzjoni mill-ħlas tal-pensjoni u l-assigurazzjoni tad-diżabilità, premju jekk tinqabeż il-kwota, għajnuna finanzjarja lil ħaddiema b'diżabilità li jistabbilixxu lilhom infushom bħala intraprendituri, tnaqqis fis-sigurtà soċjali, tnaqqis fit-taxxa għal min jimpjega studenti żgħażagħ bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) jew premjijiet annwali għal prattika tajba. Hemm ukoll skemi li jippermettu lill-istudenti biex jidħlu fil-forza tax-xogħol filwaqt li jżommu persentaġġ tal-ħlas oriġinali tal-ħarsien soċjali tagħhom (eż.l-għotja tad-diżabilità), li mhijiex suġġetta għal tassazzjoni jew assigurazzjoni soċjali. L-impjegati jitħallew ukoll iżommu "benefiċċji sekondarji" (eż. għotja għall-fjuwil, kard medika) għal ċertu tul ta' żmien.

### *Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)*

Bla dubju, ICT aċċessibbli tista' tiffaċilita l-parteċipazzjoni ugwali fl-attivitajiet edukattivi għal firxa ta' studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN). Studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) enfassizzaw l-importanza tal-ICT matul is-Seduta tal-Parlament Ewropew fl-2011:

*F'pajjiżna hemm organizzazzjoni li tipprovdi materjal speċjali u IT. L-iskola tista' tissellef l-għajnuna mill-organizzazzjoni u l-istudenti jistgħu wkoll jeħduhom id-dar. Meta ma jkollhomx bżonn dawn l-għajnuniet aktar dawn imbagħad jintużaw minn studenti oħra fl-istess skola jew f'oħrajn. Huwa importanti ħafna*

*li jkollhom għajnuniet teknoloġiċi bħala appoġġ* (Aġenzija Ewropea, 2012a, p. 14).

Madankollu:

*Il-fatt li l-ispinta lejn l-ekwità fl-edukazzjoni permezz tal-appoġġ ta' ICT aċċessibbli qiegħda tintefa minn żviluppi ekonomiċi negattivi jenfasizza li l-politika ġenerali Ewropea u internazzjonali għandha tkompli tieħu inizjattiva stabbli f'dan il-qasam* (Aġenzija Ewropea, 2013, p. 24).

F'dan il-kuntest, l-akkwisti jistgħu jitqiesu bħala mekkaniżmu ta' ffinanzjament jekk l-aċċessibilità hija prerekwiżit intrinsiku. L-aċċessibilità għandha tkun il-prinċipju li jiggwida l-akkwist tal-oġġetti u s-servizzi kollha.

*L-aċċess għal ICTs adegwati f'kuntesti differenti ta' tagħlim tul il-ħajja – inklużi sitwazzjonijiet ibbażati fid-dar – ħafna drabi jkun jinħtieġ input minn professjonisti minn oqsma differenti. … Dan jinvolvi l-kordinazzjoni bejn individwi, servizzi u ħafna drabi politika għal setturi differenti tax-xogħol. Jinvolvi wkoll approċċi flessibbli għall-finanzjament tal-ICT, b'possibilitajiet għal teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell lokali dwar l-ispiża marbuta ma' ħtiġijiet identifikati lokalment* (Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni u l-Aġenzija Ewropea, 2011, p. 88).

Bħala konklużjoni:

Għandhom jitqiesu erba' rekwiżiti għal sistemi ta' finanzjament biex jassiguraw li dawn is-sistemi jappoġġjaw b'mod sħiħ l-għanijiet tal-politika edukattiva.

Il-politika dwar il-finanzjament tappoġġja b'mod sħiħ l-edukazzjoni inklużiva. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' politiki fiskali li joħolqu inċentivi, iktar milli diżinċentivi, għall-provvista ta' placements u servizzi ta' inklużjoni. Filwaqt li hemm numru ta' bażijiet alternattivi għall-finanzjament ta' studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN), il-finanzjament per capita jidher li huwa l-iktar wieħed promettenti biex jilħaq ir-rekwiżit imsemmi.

Il-politika dwar l-iffinanzjar hija bbażata b'mod sħiħ fuq il-ħtiġijiet edukattivi. L-ammonti ta' finanzjament individwali per capita jistgħu jkunu determinati permezz ta' analiżi tal-ispiża li turi l-ispejjeż relattivi biex l-istudenti jingħataw il-kundizzjonijiet speċjali magħżula.

Il-politika dwar il-finanzjament tiffaċilita b'mod sħiħ rispons flessibbli, effettiv u effiċjenti għall-ħtiġijiet. Iktar milli tiffinanzja jew tipprovdi riżorsi speċifiċi, eż. tipi predeterminati ta' persunal, apparat jew faċilitajiet, il-finanzjament per capita jalloka riżorsi monetarji u jippromwovi l-flessibilità fl-użu lokali.

Il-politika dwar il-finanzjament tippromwovi b'mod sħiħ appoġġ minn servizzi relatati u kollaborazzjoni intersettorjali meħtieġa.

B'mod ġenerali, strutturi ta' inċentivi għandhom jassiguraw li iktar flus ikunu disponibbli jekk tifel/tifla jitqiegħed f'ambjent inklużiv, u tkun meħtieġa enfasi ikbar fuq ir-riżultati (mhux biss dawk akkademiċi).

## DEJTA AFFIDABBLI

### Introduzzjoni

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), kif ukoll l-Istrateġija Ewropea għad-Diżabilità 2010–2020 u l-għan strateġiku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 relatat mal-ekwità fl-edukazzjoni, kollha jaġixxu bħala fatturi ewlenin li jwasslu għall-edukazzjoni inklużiva fil-pajjiżi. Il-UNCRPD issejjaħ lill-Partijiet tal-Istat biex:

> *…jimpenjaw ruħhom li jiġbru informazzjoni xierqa, inkluża dejta statistika u ta' riċerka, biex tgħinhom jifformulaw u jimplimentaw politiki biex idaħħlu fis-seħħ din il-Konvenzjoni* (Nazzjonijiet Uniti, 2006, Artikolu 31)

u

> *… skont is-sistemi legali u amministrattivi tagħhom, iżommu, isaħħu, jaħtru u jwaqqfu fi ħdan l-Istat Kontraenti, qafas, inkluż mekkaniżmu indipendenti wieħed jew aktar, skont kif inhu xieraq, biex jippromovu, jipproteġu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni* (ibid., Artikolu 33).

Hemm kuxjenza wiesgħa li t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza huwa kritiku għall-iżvilupp fuq terminu twil ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Dawk li jfasslu l-politika, esperti fil-ġbir tad-dejta u riċerkaturi huma konxji mill-ħtieġa ta' ġbir ta' dejta fuq livell nazzjonali li mhux biss jilħaq ir-rekwiżiti tal-linji gwida internazzjonali għall-politika, iżda li jaħdem ukoll fi ħdan approċċ kondiviż sabiex tiġi promossa sinerġija ta' sforzi f'livelli nazzjonali u internazzjonali. Il-ħidma tal-Aġenzija wriet li hemm sejħiet sabiex firxa wiesgħa ta' informazzjoni tkun disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika u għal organizzazzjonijiet differenti, kemm f'livell nazzjonali kif ukoll Ewropew, sabiex jittieħdu varjetà ta' approċċi kumplimentari għall-ġbir tad-dejta. Madankollu, filwaqt li l-ħtieġa għal din id-dejta hija ċara, l-aqwa metodi u proċeduri għall-ġbir u l-analiżi tagħha huma ħafna inqas ċari.

Bħala riżultat tal-ħidma tal-Aġenzija – b'mod partikolari l-attivitajiet tal-proġetti *Żvilupp ta' sett ta' indikaturi –għall-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa* (Kyriazopoulou u Weber, 2009) u *L-Immappjar tal-Implimentazzjoni ta' Politika għall-Edukazzjoni Inklużiva (MIPIE)* (Aġenzija Ewropea, 2011a) – joħorġu ħames rekwiżiti politiċi ewlenin li jirrelataw mal-ġbir tad-dejta meta titqies il-ħtieġa għal evidenza dwar l-edukazzjoni inklużiva fuq livell nazzjonali:

- il-ħtieġa li l-ġbir ta' dejta fuq livell nazzjonali jkun imsejjes fuq arranġamenti fuq livell internazzjonali u Ewropew;
- il-ħtieġa li nifhmu l-impatt tad-differenzi fis-sistemi edukattivi tal-pajjiżi;
- il-ħtieġa li tkun analizzata l-effettività tal-edukazzjoni inklużiva;

- il-ħtieġa ta' ġbir ta' dejta li jipprovdi evidenza relatata ma' kwistjonijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità; u
- il-ħtieġa li jinżamm rendikont tal-progress tal-istudenti fuq terminu twil.

Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu dejta kwalitattiva u kwantitattiva li tinfurmahom dwar il-kwalità tal-edukazzjoni tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Dawn il-messaġġi ewlenin jirriflettu rakkomandazzjoni ċentrali mill-*World Report on Disability* (Rapport Dinji dwar id-Diżabilità) (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa/Bank Dinji, 2011): il-ħtieġa għall-pajjiżi li jiżviluppaw sistemi eżistenti ta' ġbir ta' dejta għal dejta kwantitattiva, iżda wkoll li jmexxu riċerka kwalitattiva dettaljata u speċifika dwar il-kosteffettività u kwistjonijiet oħra relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità.

> *Il-proġett MIPIE jwassal għas-sejħa għall-iżvilupp ta' qafas kondiviż għall-ġbir ta' dejta li jibni fuq proċeduri nazzjonali ta' ġbir ta' dejta, kif ukoll arranġamenti u proċeduri internazzjonali għall-ġbir ta' dejta. … Jistgħu jkunu identifikati tliet dimensjonijiet li huma l-bażi ta' qafas kondiviż:*
>
> - *Bidla lejn approċċ ibbażat fuq sistema għall-ġbir ta' dejta bbażata fuq kunċetti u definizzjonijiet kondiviżi;*
> - *Il-ġbir ta' evidenza li jwassal għal benchmarks kwantitattivi u kwalitattivi;*
> - *L-użu ta' qafas b'ħafna livelli għall-analiżi tal-politika fuq livelli nazzjonali u internazzjonali* (Aġenzija Ewropea, 2011a, p. 11).

Dan l-approċċ huwa meħtieġ biex jappoġġa lill-pajjiżi biex jiżviluppaw 'ġbir ta' dejta biex jimmonitorjaw id-drittijiet tal-istudenti kif ukoll biex jimmonitorjaw l-effettività ta' sistemi għall-edukazzjoni inklużiva' (ibid.).

### Il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-istudenti

Fi ħdan qafas komprensiv għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet ta' dritt, għandhom ikunu identifikati indikaturi kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi fir-rigward ta' numru ta' fatturi:

*(i) Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ*

Ir-rapport tal-Aġenzija dwar *Intervent fit-Tfulija Bikrija* jissuġġerixxi li:

> *Dawk li jfasslu l-politika għandu jkollhom mekkaniżmi effettivi stabbiliti biex jevalwaw talbiet għal servizzi ECI u mekkaniżmi effettivi biex jivverifikaw jekk il-provvista tas-servizzi tissodisfax id-domanda sabiex ikun jista' jiġi ppjanat titjib fis-servizz. Għandu jiġi żviluppat mod sistematiku kif tinġabar u tiġi mmonitorjata dejta affidabbli* (Aġenzija Ewropea, 2010, pp. 39–40).

Ir-rapport dwar *Parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni Inklużiva* jgħid li:

*Għalkemm gvernijiet nazzjonali u lokali diġà jiġbru dejta sostanzjali dwar l-edukazzjoni, ftit nafu dwar il-parteċipazzjoni. … Bħalissa l-maġġoranza tad-dejta miġbura għal għanijiet ta' monitoraġġ hija dejta statistika dwar ir-reġistrazzjoni u t-tkomplija tal-edukazzjoni skolastika. … Ftit pajjiżi għandhom metodi sistematiċi għall-ġbir, l-analiżi u l-interpretazzjoni ta' dejta kwalitattiva dwar il-parteċipazzjoni fuq livell individwali, fil-klassi u fl-iskola, għalkemm evalwazzjoni interna u rapporti ta' spezzjonijiet ħafna drabi jindirizzaw temi ta' parteċipazzjoni u inklużjoni* (Aġenzija Ewropea, 2011d, p. 19).

Dan ir-rapport jenfasizza wkoll ftit mill-perikli potenzjali assoċjati mal-ġbir tad-dejta b'rabta mal-parteċipazzjoni:

*… strutturi stabbiliti biex jimmoniterjaw tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) jistgħu jostakolaw il-parteċipazzjoni u l-ksibiet tagħhom billi jimmarkaw lil dawn it-tfal bħala differenti. Konsegwenza mhux intenzjonata tal-kategorizzazzjoni ta' ftit tfal sabiex tiġi mmonitorjata l-parteċipazzjoni tagħhom tista' twassal għal paradoss, li jirriżulta f'arranġamenti separati għall-edukazzjoni tagħhom* (ibid., pp. 17–18).

*(ii) Aċċess għall-appoġġ u l-akkomodazzjoni*

Tliet studji tal-Aġenzija kkunsidraw aspetti differenti ta' appoġġ lil studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN). Ir-reviżjoni letterarja tal-proġett *Edukazzjoni* Vokazzjonali *u t-Taħriġ* tikkwota lil Redley (2009):

*Ma hemm l-ebda figuri nazzjonali affidabbli rigward in-numru ta' organizzazzjonijiet li joffru impjieg appoġġjat jew in-numru ta' persuni b'diżabilitajiet fit-tagħlim impjegati fihom u l-gvern ma jipparteċipax f'dan il-proċess* (Aġenzija Ewropea, 2012f, p. 41).

L-istudju konġunt tal-Aġenzija mmexxi mill-Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni, li jeżamina l-użu tal-ICT fl-edukazzjoni għal persuni b'diżabilità, jargumenta li:

*Kemm b'rabta mal-Konvenzjoni tan-NU (2006) kif ukoll ma' politika fuq livell reġjonali (i.e. Ewropea) u nazzjonali, hemm ħtieġa għal iktar informazzjoni dettaljata marbuta mal-monitoraġġ ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u benchmarks dwar l-ICT fl-edukazzjoni għal persuni b'diżabilitajiet* (Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011, p. 93).

B'rabta mal-aċċessibilità tal-informazzjoni għat-tagħlim, ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett tal-Aġenzija *i-access* jargumentaw li:

*Il-konformità ma' politika* [dwar l-aċċessibilità] *għandha tkun immoniterjata b'mod sistematiku. Il-moniteraġġ tal-konformità jista' jkun imħeġġeġ biss fil-*

*preżent, iżda għandu jkun estiż … Huwa meħtieġ li tinġabar dejta sistematika kwantitattiva u kwalitattiva, li għandha tinvolvi wkoll lill-utenti finali tal-provvista tal-informazzjoni aċċessibbli. Madankollu, il-progress tal-monitoraġġ ma għandux ikun limitat għal benchmarking numeriku, iżda għandu jinkludi l-possibilità ta' ġbir ta' eżempji ta' prattika tajba, li jista' jservu bħala mudell għal pajjiżi u organizzazzjonijiet oħrajn* (Aġenzija Ewropea, 2012e, pp. 40–41).

*(iii) Suċċess fit-tagħlim u opportunitajiet ta' tranżizzjoni*

Żewġ proġetti kbar tal-Aġenzija kkunsidraw it-tranżizzjoni mill-iskola għall-impjieg. It-tnejn jindikaw nuqqas ta' dejta affidabbli f'dan il-qasam. Il-proġett *Tranżizzjoni mill-Iskola għall-Impjieg* jissuġġerixxi li:

*Dejta nazzjonali minn pajjiżi tinkludi biss numru ta' persuni qegħda reġistrati, iżda persentaġġ għoli ta' persuni bi ħtiġijiet speċjali mhumiex reġistrati – huma ma għandhomx lanqas iċ-ċans li jiksbu l-ewwel impjieg* (Aġenzija Ewropea, 2002a, p. 2).

L-istudju ta' segwitu (Aġenzija Ewropea, 2006) ma jindika l-ebda żvilupp f'dan il-qasam.

*(iv) Opportunitajiet ta' affiljazzjoni*

L-istudju tal-Aġenzija li jiffoka fuq id-diversità multikulturali jenfasizza li hemm nuqqas ta' dejta b'rabta ma' fattur wieħed ta' affiljazzjoni – l-isfond ta' immigrazzjoni ta' studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN):

*Ħafna pajjiżi involuti fil-proġett irrapportaw li bħalissa hemm nuqqas ta' dejta fuq studenti b'SEN u sfond ta' immigrazzjoni. Diversi aġenziji tal-gvern għandhom responsabbiltajiet differenti u ma hemmx approċċ koordinat ta' kif tinġabar id-dejta. Hemm raġunijiet oħra għal dan in-nuqqas ta' dejta. Xi pajjiżi ma jżommux statistika uffiċjali dwar l-oriġini etnika tal-poplu aktar minn dik taċ-ċittadinanza u l-pajjiż tat-twelid tagħhom fuq il-prinċipju li l-ipproċessar ta' dejta personali li tidentifika r-razza, l-oriġini etnika, id-diżabiltà u t-twemmin reliġjuż huwa pprojbit. F'pajjiżi oħra m'hemmx ġbir ta' dejta b'mod sistematiku dwar studenti b'SEN jew studenti b'SEN u sfond ta' immigrazzjoni fil-livell nazzjonali jew lokali* (Aġenzija Ewropea, 2009a, p. 28).

**Monitoraġġ tal-effettività ta' sistemi għall-edukazzjoni inklużiva**

Dejta li teżamina l-effettività ta' sistemi għall-edukazzjoni inklużiva tikkunsidra kwistjonijiet ta' kosteffettività, kif ukoll numru ta' oqsma relatati mal-esperjenza tal-istudenti fl-edukazzjoni: proċeduri ta' valutazzjoni inizjali, l-involviment kontinwu tal-istudenti u l-familji tagħhom f'esperjenzi edukattivi u l-effettività tal-ambjenti

tat-tagħlim biex ikunu megħluba l-fruntieri u jingħata appoġġ lil esperjenzi ta' tagħlim b'tifsira għall-istudenti kollha.

L-istudju tal-Aġenzija *Valutazzjoni f'Ambjenti Inklużivi* jenfasizza li hemm ħtieġa li nappoġġjaw l-iskejjel permezz ta':

> *… gwida dwar kif informazzjoni mill-valutazzjoni – partikolarment informazzjoni minn valutazzjoni standardizzata miġbura għal għanijiet ta' monitoraġġ nazzjonali – tista' tintuża biex ittejjeb il-provvista u l-prattika għall-istudenti kollha, inkluż dawk b'SEN* (Watkins, 2007, p. 57).

Ir-rapport *Ngħollu l-Livell ta' Kisba għall-Istudenti Kollha* isostni li:

> *Biex nimxu lejn aktar ekwità fl-edukazzjoni, hemm ħtieġa ta' varjetà ta' indikaturi ta' prestazzjoni, li jkunu adattati għas-sitwazzjoni lokali jew li jiffukaw fuq l-input u r-riżorsi, il-proċessi u l-output/eżiti. Filwaqt li l-informazzjoni (inkluż id-dejta) għandha tintuża biex timmira l-appoġġ u żżomm rendikont tas-suċċess ta' politika u prattika inklużivi, għandna noqogħdu attenti li s-sistemi ta' kontabilità ma jikkawżawx b'mod involontarju bidliet mhux xierqa* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 22).

Dan l-istudju jenfasizza diffikultajiet potenzjali b'dan:

> *Fil-klima preżenti, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi xierqa ta' kontabilità u modi biex jitkejlu kisbiet ta' valur u tkun immonitorjata l-ekwità jippreżenta ħafna sfidi. Minkejja l-isforz biex tinkiseb dejta konkreta, Fullan (2011) iwissi li: "statistics are a wonderful servant but an appalling master" (l-istatistika hija qaddej fantastiku imma kmandant terribbli) (p. 127) u Hargreaves u Shirley (2009) jisħqu fuq il-ħtieġa li npoġġu r-responsabilità qabel il-kontabilità. Huma jissuġġerixxu li l-kontabilità għandha "sservi bħala kuxjenza permezz tat-teħid ta' kampjuni" u li għandu jsir attakk "fuq l-eċċessi ta' standardizzazzjoni ttestjata li tiċħad id-diversità u toqtol il-kreattività" (p. 109)* (Aġenzija Ewropea, 2012d, p. 22).

Fi ħdan il-proġett *MIPIE* kien argumentat li l-monitoraġġ tal-effettività ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużivi jkun jinkludi wkoll konsiderazzjoni tal-effettività tal-edukazzjoni tal-għalliema (Aġenzija Ewropea, 2011a). Ir-rapport dwar il-proġett *TE4I* jenfasizza numru ta' kwistjonijiet relatati mad-disponibilità tad-dejta f'dan il-qasam. Fir-rigward tar-rappreżentazzjoni tal-għalliema minn gruppi ta' minoranza:

> *Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li ma jiġbrux dejta jirrapportaw fil-forma ta' rakkonti dwar is-sottorappreżentanza ta' persuni b'diżabiltajiet u dawk minn gruppi etniċi minoritarji fost studenti-għalliema u għalliema kkwalifikati, u s-sitwazzjoni tidher li hija simili fost edukaturi tal-għalliema* (Aġenzija Ewropea, 2011b, pp. 20–21).

Ir-rapport jindika wkoll il-ħtieġa għal dejta li twassal għal bidla infurmata mill-evidenza:

> *In-nuqqas ta' riċerka fuq bażi wiesgħa, kumulattiva kif ukoll evidenza empirika fuq l-edukazzjoni tal-għalliema kienet innutata mill-OECD (2010) … għandha ssir riċerka sabiex jiġi żgurat korp relevanti ta' evidenza li jservi bħala informazzjoni għall-bidla. L-eżempji li nsibu f'dan ir-rapport jenfasizzaw xi wħud mill-aspetti ewlenin tar-riċerka, inklużi:*
>
> - *L-effettività ta' rotot differenti għat-tagħlim;*
> - *Approċċi għal edukazzjoni tal-għalliema u l-kurrikulu tal-ITE u*
> - *L-irwol ta' korsijiet diskreti, integrati u magħquda u l-aħjar mod biex nimxu matul kontinwu lejn kors ta' edukazzjoni wieħed għall-għalliema fil-fażi inizjali li jħejji lill-għalliema kollha għad-diversità* (Aġenzija Ewropea, 2011b, pp. 64–65).

Il-proġett *MIPIE* jargumenta li:

> *Fuq livell tal-iskola, il-ġbir tad-dejta għandu:*
>
> - *Jipprovdi informazzjoni li tappoġġja lill-għalliema u lill-persunal tal-iskola biex jippjanaw u jagħtu l-appoġġ u l-provvista xierqa;*
> - *Jagħti stampa ċara ta' kif il-ġenituri u l-istudenti huma megħjuna biex jieħdu parti sħiħa fil-proċess edukattiv* (Aġenzija Ewropea, 2011a, p. 13).

Sabiex dan ikun possibbli:

> *Jeħtieġ li jkun hemm sinerġiji fuq livell nazzjonali bejn imsieħba ewlenin li jkunu bbażati fuq razzjonal ċar għall-ġbir tad-dejta li jikkunsidraw dejta fuq livell nazzjonali, reġjonali, tal-iskola u tal-klassi jekk id-dejta tal-pajjiż b'mod ġenerali għandha tirrifletti l-prattika* (ibid., p. 14).

Bħala konklużjoni, il-provvista tad-dejta tista' effettivament isservi bħala informazzjoni għat-tfassil tal-politika għall-edukazzjoni inklużiva. Hemm domanda dejjem akbar – fuq livelli internazzjonali, Ewropej u nazzjonali – għal kontabilità, u t-tqabbil 'bejn l-iskejjel' u 'bejn nazzjonijiet' qiegħed jiżdied. L-introduzzjoni ta' 'dejta kbira' (meta-analiżi ta' settijiet ta' dejta u sorsi kkombinati) tippreżenta opportunitajiet, iżda wkoll sfidi reali għall-edukazzjoni inklużiva.

Is-sejħiet għal politika u allokazzjoni ta' riżorsi bbażati fuq l-evidenza jenfasizzaw il-ħtieġa għal dejta b'tifsira siewja relatata mal-istudenti kollha. Huwa meħtieġ li nkunu nafu liema studenti qed jirċievu liema servizzi, meta u fejn (ngħoddu lill-istudenti kollha). Huwa wkoll meħtieġ li jkun hemm dejta dwar il-kwalità tas-servizzi u r-riżultati li jwasslu għalihom (meta titqies il-prattika).

Sfida ewlenija għall-ġbir tad-dejta hija marbuta mal-evitar tal-klassifikazjoni, il-kategorizzazzjoni u l-ittikkettar tal-istudenti biex tingħata informazzjoni fuq is-servizz li jirċievu. Il-'pluralitajiet' ta' definizzjonijiet applikati għall-istudenti u l-'politika' ta' sistemi ta' tikkettjar ma jistax jiġu injorati; lanqas ma jistgħu jkunu injurati l-effetti li għandhom dawn is-sistemi ta' tikkettar u definizzjonijiet.

Il-punt ta' tluq għall-ġbir ta' dejta li sservi bħala informazzjoni sinifikanti għat-tfassil ta' politika huwa li nistaqsu l-mistoqsijiet meħtieġa dwar il-politika.

# ĦARSA 'L QUDDIEM

L-ewwel għan tal-konferenza f'Novembru 2013 kien li ssir riflessjoni dwar u tinġabar fil-qosor il-ħidma tal-Aġenzija matul l-aħħar għaxar snin. Il-ħames messaġġi ewlenin deskritti fil-kapitli preċedenti jenfasizzaw l-aspetti kritiċi f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni inklużiva. Dawn huma bbażati fuq ir-riżultati minn analiżi estiża tat-temi ewlenin, kif deċiż mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija.

It-tieni għan tal-konferenza kien li tħares 'il quddiem, u tesplora kif il-ħidma tal-Aġenzija tista' tappoġġja aħjar lill-pajjiżi membri, u tgħinhom itejbu l-kwalità u l-effettività tas-servizzi inklużivi tagħhom lill-istudenti b'diżabilitajiet u/jew ħtiġijiet edukattivi speċjali.

L-Aġenzija hija lesta li tgħin lill-pajjiżi b'mod iktar konkret fl-implimentazzjoni tar-riżultati tal-ħidma tagħhom. Dan ifisser li tipprovdi rakkomandazzjonijiet ta' politika li huma applikabbli iktar direttament għal min ifassal il-politika biex tappoġġja bidla futura u żviluppi fil-politika.

L-Aġenzija hija konxja li l-ħidma li diġà saret hija konformi ma' u tappoġġja direttament l-inizjattivi ta' politika internazzjonali u Ewropej kollha fuq l-edukazzjoni, l-ekwità, l-opportunitajiet ugwali u d-drittijiet għal persuni b'diżabilitajiet/ħtiġijiet edukattivi speċjali. Il-ħidma tal-Aġenzija tipprovdi rakkomandazzjonijiet ċari u koerenti dwar kif il-politika ewlenija f'dawn l-oqsma tista' tkun implimentata fil-prattika. L-Aġenzija tixtieq tipprovdi lill-pajjiżi b'informazzjoni dwar il-progress tagħhom f'termini tal- għanijiet li stabbilixxew fir-rigward ta': (a) il-mira tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 u (b) il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet (2006), kif ukoll diversi direttivi u komunikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Hemm ħtieġa għal gwida dwar kif l-edukazzjoni inklużiva tista' tkun implimentata fuq livell ta' għalliema, klassi, skola, reġjun, muniċipalità u politika nazzjonali. L-Aġenzija hija kapaċi li tipprovdi lill-pajjiżi bi gwida dwar kif l-edukazzjoni inklużiva tista' tkun implimentata u kif din taffetwa l-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni.

Id-diskussjonijiet matul il-konferenza, kif ukoll id-diskussjonijiet fil-fond fi ħdan l-Aġenzija, se jiggwidaw dan il-pass li jmiss fil-ħidma tal-Aġenzija.

## BIBLIJOGRAFIJA

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 1999. *Financing of Special Needs Education – A seventeen-country Study of the Relationship between Financing of Special Needs Education and Inclusion* (Finanzjament tal-Edukazzjoni għall-Ħtiġijiet Speċjali – Studju ta' Sbatax-il Pajjiż tar-Relazzjoni bejn il-Finanzjament tal-Edukazzjoni għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Inklużjoni). Middelfart, Id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2002a. *Transition from School to Employment. Key Principles and Recommendations for Policy Makers* (Tranżizzjoni mill-Iskola għall-Impjieg. Prinċipji Ewlenin u Rakkomandazzjonijiet għal Dawk li Jfasslu l-Politika). Middelfart, Id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/transition_transition_entext.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2002b. *Transition from School to Employment. Main problems, issues and options faced by students with special educational needs in 16 European countries. Summary Report*. (Tranżizzjoni mill-Iskola għall-Impjieg. Problemi, kwistjonijiet u għażliet ewlenin li jiffaċċjaw l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali f'16-il pajjiż Ewropew. Rapport Sommarju). Middelfart, Id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/transition-from-school-to-employment_Transition-en.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2003. *Inclusive Education and Classroom Practice. Summary Report* (L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fil-Klassi. Rapport Sommarju). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/inclusive-education-and-classroom-practices/iecp-en.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2005. *Inclusive Education and Classroom Practice in Secondary Education. Summary Report* (L-Edukazzjoni Inklużiva u l-Prattika fl-Edukazzjoni Sekondarja. Rapport Sommarju). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/inclusive-education-and-classroom-practice-in-secondary-education/iecp_secondary_en.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2006. *Individual Transition Plans: Supporting the Move from School to Employment* (Pjanijiet ta’ Tranżizzjoni Individwali: Appoġġ għall-Pass mill-Iskola għall-Impjieg). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/individual-transition-plans-supporting-the-move-from-school-to-employment/itp_en.pdf (Aċċessata l-aħħar f’Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2009a. *Multicultural Diversity and Special Needs Education* (Id-Diversità Multikulturali u l-Edukazzjoni għall-Ħtiġijiet Speċjali). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/multicultural-diversity-and-special-needs-education/multicultural-diversity-and-special-needs-education (Aċċessata l-aħħar f’Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2009b. *Key Principles for Promoting Quality in Inclusive Education – Recommendations for Policy Makers* (Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għal Dawk li Jfasslu l-Politika). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/key-principles-for-promoting-quality-in-inclusive-education_key-principles-MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f’Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2010. *Early Childhood Intervention – Progress and Developments 2005–2010* (Intervent fit-Tfulija Bikrija – Progress u Żviluppi 2005–2010). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/early-childhood-intervention-progress-and-developments_ECI-report-MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f’Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011a. *Mapping the Implementation of Policy for Inclusive Education: An exploration of challenges and opportunities for developing indicators* (L-Immappjar tal-Implimentazzjoni ta’ Politika għall-Edukazzjoni Inklużiva: Esplorazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta’ indikaturi). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/agency-projects/mapping-the-implementation-of-policy-for-inclusive-education (Aċċessata l-aħħar f’Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011b. *Teacher Education for Inclusion Across Europe – Challenges and Opportunities* (L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta’ Inklużjoni Madwar l-Ewropa – Sfidi u

Opportunitajiet). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/te4i-challenges-and-opportunities/te4i-challenges-and-opportunities (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011c. *Key Principles for Promoting Quality in Inclusive Education – Recommendations for Practice* (Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/key-principles-for-promoting-quality-in-inclusive-education-recommendations-for-practice_keyprinciples-rec-MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011d. *Participation in Inclusive Education – A Framework for Developing Indicators* (Parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni Inklużiva – Qafas għall-Iżvilupp ta' Indikaturi). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/participation-in-inclusive-education-a-framework-for-developing-indicators/Participation-in-Inclusive-Education.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012a. *Young Views on Inclusive Education* (Fehmiet Żgħażagħ dwar l-Edukazzjoni Inklużiva). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/young-views-on-inclusive-education_YoungViews-2012MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012b. *Profile of Inclusive Teachers* (Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/te4i-profile-of-inclusive-teachers_Profile-of-Inclusive-Teachers-MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012c. *Raising Achievement for All Learners – Quality in Inclusive Education. Report on the conference held in Odense, Denmark on 13th–15th June 2012* (Ngħollu l-Livell ta' Kisba għall-Istudenti Kollha – Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva. Rapport dwar il-konferenza li saret f'Odense, id-Danimarka fit-13–15 ta' Ġunju 2012). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/RA4AL-conference-report.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012d. *Raising Achievement for All Learners – Quality in Inclusive Education* (Ngħollu l-Livell ta' Kisba għall-Istudenti Kollha – Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/ra4al-synthesis-report/RA4AL-synthesis-report.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012e. *Promoting Accessible Information for Lifelong Learning: Recommendations and findings of the i-access project* (Promozzjoni tal-Informazzjoni Aċċessibbli għat-Tagħlim Tul il-Ħajja: Rakkomandazzjonijiet u sejbiet għal-proġett i-access). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/i-access/i-access-report.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012f. *Vocational Education and Training: Policy and Practice in the field of Special Needs Education – Literature Review* (Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ: Politika u Prattika fil-qasam tal-Edukazzjoni għall-Ħtiġijiet Speċjali – Reviżjoni tal-Letteratura). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/agency-projects/vocational-education-and-training/vet-files/VET-LiteratureReview.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012g. *Teacher Education for Inclusion: Project Recommendations linked to Sources of Evidence* (L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni: Rakkomandazzjonijiet għall-Proġett marbuta ma' Sorsi ta' Evidenza). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion/sources-of-evidence.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2013. *European and International Policy Supporting ICT for Inclusion* (Politika Ewropea u Internazzjonali li Tappoġġa l-ICT għall-Inklużjoni). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali,. http://www.european-agency.org/sites/default/files/european-and-international-policy-supporting-ict-for-inclusion_policy-supporting-ict-for-inclusion.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2014. *Vocational Education and Training – Summary of Country Information* (Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ – Sommarju tal-Informazzjoni għall-Pajjiżi). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva. http://www.european-agency.org/sites/default/files/VET Summary of Country information 2014.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

Bennett, S. u Gallagher, T.L., 2012. *The Delivery of Education Services for Students who have an Intellectual Disability in the Province of Ontario* (L-Għoti ta' Servizzi Edukattivi lil Studenti li għandhom Diżabilità Intellettwali fil-Provinċja ta' Ontario). Toronto: Community Living Ontario

Chapman, C., Ainscow, M., Miles, S. u West, M., 2011. *Leadership that promotes the achievement of students with special educational needs and disabilities* (Tmexxija li tippromwovi l-ksiba tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u b'diżabilitajiet). Nottingham: National College for School Leadership

Farrell, P., Dyson, A.S., Polat, F., Hutcheson, G. u Gallannaugh, F., 2007. 'SEN inclusion and pupil achievement in English schools' (Inklużjoni ta' SEN u kisbiet tal-istudenti fl-iskejjel Ingliżi) *Journal of Research in Special Educational Needs*, 7 (3), 172–178

Frilseth, L., 2012. *The Norwegian Model for Education for All in Upper Secondary School* (Il-Mudell Norveġiż ta' Edukazzjoni għal Kulħadd fl-Iskola Sekondarja Għolja). Direttorat Norveġiż għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ. http://www.european-agency.org/agency-projects/ra4al/ra4al-seminar-pdf/Norway-L-Frilseth.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

Fullan, M., 2011. *Change Leader: Learning to do what matters most* (Min Imexxi l-Bidla: Nitgħallmu nagħmlu dak li huwa l-aktar importanti). San Francisco: Jossey-Bass

de Graaf, G., van Hove, G. u Haveman, M., 2011. 'More academics in regular schools? The effect of regular versus special school placement on academic skills in Dutch primary school students with Down syndrome' (Aktar akkademiċi fi skejjel regolari? L-effett ta' tpoġġija fi skejjel regolari kontra dawk speċjali fuq studenti tal-iskola primarja fl-Olanda li għandhom id-Down syndrome) *Journal of International Disability Research*, Diċembru 2011, 57(1), 21–38. doi: 10.1111/j.1365-2788.2011.01512.x

Hargreaves, A. u Shirley, D., 2009. *The Fourth Way – The inspiring future for educational change* (Ir-raba' Mod – Il-futur ta' ispirazzjoni għal bidla edukattiva). Pubblikazzjoni konġunta ma' Ontario Principals' Council u National Staff Development Council. Thousand Oaks, CA: Corwin Press

Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011. *ICTs in Education for People with Disabilities: Review of innovative practice* (ICTs fl-Edukazzjoni għal Persuni b'Diżabilitajiet: Reviżjoni ta' prattika innovattiva). Moska: Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni. http://www.european-agency.org/publications/ereports/ICTs-in-Education-for-People-With-Disabilities/Review-of-Innovative-Practice (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

Kalambouka, A., Farrell, P., Dyson, A. u Kaplan, I., 2005. *The impact of population inclusivity in schools on student outcomes* (L-impatt tal-inklużività tal-popolazzjoni fl-iskejjel fuq ir-riżultati tal-istudenti). Research Evidence in Education Library. Londra: EPPI-Centre, Social Science Research Unit, Institute of Education, University of London

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, 2008 *Green Paper – Migration & mobility: challenges and opportunities for EU education systems* (Green Paper – Migrazzjoni u mobilità: sfidi u opportunitajiet għas-sistemi edukattivi tal-UE). {SEC(2008) 2173} /* COM/2008/0423 finali */ Brussell: Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2010. *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ It-3013-il laqgħa tal-Kunsill għall-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U KULTURA, Brussell, 11 ta' Mejju 2010.* http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/educ/114374.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

Kyriazopoulou, M. u Weber, H. (eds.), 2009. *Development of a set of indicators – for inclusive education in Europe* (L-iżvilupp ta' sett ta' indikaturi – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa). Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/sites/default/files/development-of-a-set-of-indicators-for-inclusive-education-in-europe_indicators-MT.pdf (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

MacArthur, J., 2009. *Learning Better Together: Working towards inclusive education in New Zealand schools* (Nitgħallmu Aħjar Flimkien: Naħdmu lejn edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel fi New Zealand). Wellington: IHC

MacArthur, J., Kelly, B., Sharp, S., & Gaffney, M., 2005. *Participation or exclusion? Disabled children's experiences of life at school* (Parteċipazzjoni jew esklużjoni? L-esperjenzi ta' tfal b'diżabilità tal-ħajja fl-iskola). Paper ippreżentata fiċ-Children's Issues Conference, Dunedin, New Zealand, Lulju 2005

Menter, I., Hulme, M., Elliott, D. u Lewin, J., 2010. *Literature Review on Teacher Education in the 21st Century* (Reviżjoni tal-Letteratura dwar l-Edukazzjoni tal-Għalliema fis-Seklu 21). Scottish Government Social Research. Edinburgh: Il-Gvern Skoċċiż

Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa/Bank Dinji, 2011. *World Report on Disability* (Rapport Dinji dwar id-Diżabilità). Ġinevra: WHO Stampa. http://www.who.int/disabilities/world_report/2011/en/index.html (Aċċessata l-aħħar f'Lulju 2014)

L-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti, 2009. *Policy Guidelines on Inclusion in Education* (Linji Gwida għal Politika dwar l-Inklużjoni fl-Edukazzjoni). Pariġi: UNESCO

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku, 2011. *PISA in Focus. Improving Performance: Leading from the Bottom* (Titjib tal-Prestazzjoni: Tmexxija mill-Qiegħ). 2011/2 (Marzu). Pariġi: OECD

Redley, M., 2009. 'Understanding the social exclusion and stalled welfare of citizens with learning disabilities' (Nifhmu l-esklużjoni soċjali u l-benesseri li ma jistax jimxi 'l quddiem ta' ċittadini b'diżabilitajiet fit-tagħlim) *Disability & Society*, 24(4), 489–501

Nazzjonijiet Uniti, 2006. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà.* New York: Nazzjonijiet Uniti

Watkins, A. (editur), 2007. *Assessment in Inclusive Settings: Key Issues for Policy and Practice* (Valutazzjoni f'Ambjenti Inklużivi: Kwistjonijiet Ewlenin għall-Politika u għall-Prattika). Odense, id-Danimarka: Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. http://www.european-agency.org/publications/ereports/assessment-in-inclusive-settings-key-issues-for-policy-and-practice/assessment-in-inclusive-settings-key-issues-for-policy-and-practice (Aċċessata l-aħħar Lulju 2014)

Wilkinson, R. u Pickett, K., 2010. *The Spirit Level: Why Equality is Better for Everyone* (L-Invell: Għalfejn l-Ugwaljanza hija Aħjar għal Kulħadd). Londra: Penguin

Willms, J.D., 2006. *Learning divides: Ten policy questions about the performance and equity of schools and schooling systems* (Qasmiet fl-Edukazzjoni: Għaxar domandi dwar il-politika fir-rigward tal-prestazzjoni u l-ekwità tal-iskejjel u s-sistemi edukattivi). Montreal: Istitut tal-UNESCO għall-Istatistika

MT

Secretariat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**